MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 123/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici tippremetti u titlob hekk:

Peress illi l-partijiet zzewgu fis-26 ta’ Jannar 1997 u minn dan iz-zwieg twieled tifel D li illum ghandu sitt snin;

Peress illi fit-28 ta’ Dicembru 2003 il-konvenut C B abbanduna d-dar matrimonjali u minghajr raguni valida fil-ligi u milli jidher mar jghix ma’ ommu;

Peress illi l-hajja konjugali m’ ghadhiex aktar possibli peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzi,

ingurji gravi, theddid u minacci u minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti:

1. Jigi dikjarat separazzjoni personali minhabba f' inkompatibilita' ta' karattru u kif ukoll minhabba sevizzi, theddid u ngurja gravi da parti ta' l-intimat;

2. Ghal manteniment taghha u ghat-tifel minuri D ta' sitt snin;

3. Ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u

4. Ghad-dekadenza ta' l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevanti tal-Kodici Civili;

5. Kura u kustodja tal-minuri tat-tifel minuri D ta' sitt snin.

Bl-ispejjez, inkluz dak tal-mandat mahrug kontestwalment ma' din il-kawza u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha jeccepixxi:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg ta' bejnu u bejn martu spicca b' mod irrimedjabbli b' dana illi l-istess sehh minhabba htijiet imputabbli lill-attrici kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

2. Illi l-istess zwieg tkisser minhabba adulterju da parti tal-mara l-attrici u dana peress li hija tghix hajja xellerata.

3. Illi l-eccipjenti jissottometti li huwa m' ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda manteniment u dana minhabba li l-attrici tahdem u inoltre t-tifel jghix mal-eccipjenti u ommu u mhux mal-attrici. Illi ghalhekk isegwi li l-esponent m'

ghandux ikun ikkundannat ihallas ghal manteniment ta' tifel li huwa stess qed irabbi.

4. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta b' dana illi d-divizjoni tal-istess ghandha ssir b' mod u manjiera li jirrifletti li z-zwieg tkisser minhabba l-attrici.

5. Illi l-kura u kustodja tal-minuri D B ghandha tkun fdata f' idejn l-esponenti kif gia qed jigri bi dritt ta' access lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-ligi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifel minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lilu fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-htija tat-tkisser taz-zwieg lill-attrici fit-termini ta' l-artikolu 38 ta' l-istess Kap.

**Separazzjoni Personali**
Illi jigi osservat, fl-ewwel lok, li l-provi migjuba miz-zewg partijiet huma skarsi, u fit-tieni lok il-partijiet jikkontraddicu l-versjonijiet ta' xulxin.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Jannar 1997, meta allura l-attrici kienet ghadha minorenni u kellha hames xhur tqala', u minn dan iz-zwieg fis-27 ta' Mejju 1997 twieled it-tifel D li llum ghadu minorenni. Wara sitt snin ta' konvivenza matrimonjali l-partijiet isseparaw de facto.

Illi l-partijiet, ghalkemm jaqblu fuq it-talba ghas-separrazzjoni personali stante li z-zwieg taghhom illum tkisser irrimedjabbilment, jattribwixxu lil xulxin il-htija esklussiva ghall-firda.

Illi l-attrici tghid li zewgha huwa bniedem aggressiv, u okkazjonalment kien jheddida u jerfa' idejn fuqha. Wara ftit snin ta' konvivenza hija nnutat li hu kellu relazzjoni ma' nisa ohra, fosthom wahda bl-isem Carol; u wara l-ncident li sehh fil-Fuego fejn hi u huha raw lill-konvenut ikellem lil din Carol "b' mod kunfidenzjali"[1]. Sussegwentement meta hija affrontatu bir-relazzjoni li kellu ma' din il-mara, il-konvenut irreagixxa: "b' certu aggressivita' qalli biex nitlaq mir-residenza matrimonjali u hu kompla jheddidni li jekk ma nitlaqx kien ser jwaddabni mill-gallarija ghall-isfel."[2] B' hekk tghid l-attrici hija kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix ma' nannuha. Il-versjoni attrici hija korroborata minn huha.

Illi minn naha tieghu l-konvenut, li huwa Pulizija, jghid li wara z-zwieg l-attrici kienet thobb tmur Paceville ta' sikwit, u kien qed jrcevi rapporti minghand shabu li kienu jaraw lil mara tieghu hemmhekk ma' rgiel ohra. Huwa jghid li kien joqghod id-dar mat-tifel, li f' dak iz-zmien kellu sitt snin, filwaqt li martu kienet tmur San Giljan mal-hbieb taghha. Il-konvenut jallega li martu "telqet mid-dar taghna fis-26 ta' Dicembru 2004". Ix-xhieda tieghu f' dan ir-rigward hija sa certu grad konfermata minn ommu.

Illi rigward l-incident li sehh fil-Fuego, il-konvenut jinnega li t-tfajla li kien maghha kienet Carol, izda jghid li kienet il-kugina tieghu li huwa jdentifika b' isimha. Huwa minn naha tieghu prezenta zewg ritratti, mehdua fil-presenza tieghu minn Carol "li tkun ma' kuginti"[3] in sostenn tal-fatt minnu allegat, u mhux kontraddett mill-attrici, li f' dik l-okkazzjoni huwa personalment kien ra lill-attrici tbus lir-ragel li jidher fuq ir-ritratt; "kien hemm bews fit-tul u kien qed izommha".

---

[1] Aff. Daniel Cutajar fol.49
[2] Fol.36
[3] Fol.79

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi kif fuq gja' rilevat il-provi f' dan l-kaz huma skarsi u bazikament jikkonsistu fix-xhieda tal-partijiet, korroborati in parte minn membru tal-familja taghhom: hu l-attrici, u omm il-konvenut.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li jirrizulta provat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li ghal dawn jahtu z-zewg partijiet. Mill-provi jirrizulta li, filwaqt li l-konvenut kellu hbiberija zejda ma' nisa ohra, u wahda bl-isem Carol in partikolari, jidher li t-tesi tieghu li anke l-attrici minn naha taghha kellha hbiberija zejda ma' ragel iehor li jidher fuq ir-ritratti esebiti minnu ghalkemm bla data, izda li ma gewx zmentiti mill-attrici.

Dan il-komportament taz-zewg partijiet jikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront ta' xulxin, li fil-fehma tal-Qorti ghandu jattira s-sanzjoni kontemplata fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 48[1] tal-Kap.16.

In propositu ghall-ewwel kawzali attrici u cioe' li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, fl-affidavit taghha l-attrici tghid li hi kienet li telqet, ghax kostretta, mid-dar konjugali; u ghalhekk din il-kawzali hija manifestament infondata. L-istess konkluzjoni tapplika ghall-akkuza ta' adulterju maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' martu. Minn imkien ma jirrizulta li din ikkommettiet adulterju, u l-imgieba taghha fil-massimu taghha tikkostitwixxi biss ingurja gravi kif fuq spjegat.

**Kura u Kustodja**

Illi huwa sentiment posittiv hafna, u li din il-Qorti thoss li ghandha ssemmi f' dan il-gudizzju, dak espress mill-minuri li dana jhobb liz-zewg genituri u jixtieq jqatta' hin maghhom it-tnejn.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, u fl-interess tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma li l-kura u kustodja ghandha tibqa' kongunta; u l-minuri ghandu jqatta' hin relevanti ma' missieru. Ghaldaqstant, tordna li t-tifel jkun fil-kura u kustodja ta'

missieru, kull gimgha mill-Hamis wara l-iskola [u mill4.30 pm fil-vakanzi] sal-Hadd filghaxija fis-7.00 pm [fix-xitwa] u fid-9.30 pm [fis-sajf matul il-vakanzi]; filwaqt li fil-kumplament tal-gimgha jkun ma’ ommu l-attrici.

**Manteniment**

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-attrici ghadha zghira u ghandha potenzjal tahdem bi qligh kif kienet ghamlet ghal certu zmien matul il-konvivenza matrimonjali. Illum hi ghandha biss 29 circa, u t-tifel minuri ghandu 10 snin, u ghalhekk ma hemmx ostakoli serji sabiex l-attrici tohrog tahdem kif kienet taghmel fil-passat; u dan apparti mill-allegazzjoni tal-konvenut li llum l-attrici tahdem mhux ufficjalment. In propositu l-Qorti tosserva li, il-fatt li l-attrici ghandha registrata fuq isimha zewg karrozzi wahda tal-marka Renault 5 mixtrija fis-sena 2005 u l-ohra tal-marka Mitsubishi Pajero Junior mixtrija fis-sena 2002, isahhu t-tesi tal-konvenut[4]. Barra minnhekk l-attrici hija wkoll hatja tal-firda. Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li t-talba taghha ghall-manteniment ghaliha minnghand zewgha ma timmeritax li tigi milqugha.

Illi rigward il-manteniment ghall-minuri, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont ta’ l-introitu tal-konvenut, kif ukoll tal-fatt li l-minuri ser jghamel hin twil ma’ missieru, il-kontribut ta’ dan ghal manteniment ta’ ibnu ghandu jibqa’ fl-ammont ta’ Lm20 fil-gimgha pagabbli lill-attrici bil-quddiem; filwaqt li l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni u ta’ sahha ghandhom jinqassmu bejn iz-zewg genituri, u jigu rifuzi kontra d-debiti invoices jew ricevuti. Minn naha tieghu l-missier ghandu wkoll jipprovdi ghal bzonnijiet kwotidjani tal-minuri fil-granet li dan ikun that il-kura tieghu.

Illi l-konvenut ghandu jiddeposita l-imsemmija rata alimentarja fil-kont bankarju indikat mill-attrici.

**Komunjoni ta’ l-akkwisti**

Illi anke in propositu l-provi huma skarsi. Mill-atti jirrizulta li l-assi tal-komunjoni jikkonsisti fl-ghamara ezistenti fid-dar konjugali u li parti minnha llum qeda ghand l-attrici; u

[4] Dep. BrD Farrugia

zewg vetturi, wahda Pajero EBF 928 li qeda fil-pussess ta' l-attrici u l-ohra Peugeot PID 123 qeda fil-pussess tal-konvenut. Hemm ukoll kontijiet bankarji fuq isem l-attrici kif ukoll fuq isem iz-zewg partijiet.

Illi in propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijit:

[1] illi fix-xhieda tieghu l-konvenut isemmi diversi oggetti li hadet il-mara mid-dar konjugali, appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, inkluz wiehed mit-televisions [li tieghu ma jaghtix dettalji] li jsostni li hu ta' ommu. Mill-band' l-ohra l-attrici tghid li hi hadet dak li kien jappartjeni lilha, filwaqt li l-konvenut zamm dak li kien jappartjeni lilu. Valuri ma jissemmewx.

In propositu l-Qorti, tenut kont tal-iskarsezza ta' provi f' dan ir-rigward, u tenut ukoll tal-fatt li z-zewg partijiet huma hatja ghall-firda, tordna li kull parti zzomm l-effetti mobbli li llum qedin fil-pussess taghha.

[2] Illi r-rigward l-allegazzjoni ta' l-attur, maghmula fin-nota ta' l-osservazzjonijiet[5] tieghu, li l-konvenuta hadet mill-fondi bankarji tal-komunjoni s-somma sostanzjali ta' Lm12,000, sabiex xtrat "kif appena tleqet mid-dar matrimonjali."[6] Il-vettura Pajero Junior, il-Qorti tosserva:

[a] illi filwaqt li mill-provi jirrizulta lil-attrici telqet mid-dar konugali f' Dicembru <u>2003</u> [u skond il-konvenut fis-26 ta' Dicembru <u>2004</u>], mid-dokumenti esebiti mir-rapprezentant tal-licenzji jirrizulta li l-Pajero kienet fil-fatt inxtrat fil-16 ta' Dicembru 2002[7], u ghalhekk almenu sena qabel ma' l-attrici telqet mid-dar.

[b] Inoltre, ghalkemm il-konvenut jghid li l-attrici waqt iz-zwieg gibdet flus minn kontijiet li l-partijiet kellhom "f' kontijiet varji" huwa jonqos li jindika bi precizjoni l-ammonti li qed jirreferi ghalihom inkluzi d-dati ta' meta' ngibdu, imma strah biss fuq numru ta' statements esebiti mir-

---

[5] Il-konvenut naqasli jipprezentat nota <u>guramentata</u> tal-pretensjonijiet tieghu.
[6] Fol.192
[7] Fol.156

rapprezentanti tal-banek koncernati u cioe' APS u HSBC. Il-Qorti tosserva, kif kellha okkazzjoni tosserva fil-passat, illi huwa l-oneru ta' min jallega l-fatt li juri u jipprova b' mod sodisfacenti il-fatt minnu allegat, u f' kazijiet bhal dawk in disamina fejn qed jigi allegat gbid ta' ammonti ta' flus minn "kontijiet varji" il-konvenut kellu l-oneru li in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu jindika bi precizjoni ghal liema kontijiet qed jirreferi, ta' liema Banek u ghal liema dati qed jirrreferi. Fil-kaz in disamina, dan ma sarx u l-konvenut strah fuq is-sottomissjoni generali li "[vide xhieda ta' rappresentanti tal-banek]".[8] Din il-Qorti ezaminat id-deposizzjonijiet ta' dawn ix-xhieda, u mid-deposizzjonijiet, ma jirrizultax dak allegat mill-konvenut. Ghaldaqstant din l-allegazzjoni ma tirrizultax sostnuta minn provi adegwati.

Illi jigi rilevat li fl-affidavit tieghu l-konvenut isostni l-attrici "flus il-bank kelna circa Lm4,000 mal-APS Bank Limited. Illi naf ukoll li marti gibdet dawn il-flus u hadet kollox."[9] In propositu l-Qorti tirrileva li, apparti mill-fatt li fin-nota ta' l-osservazzjonijiet dan l-ammont gie awmentat ghal Lm12,000, anke f' dan ir-rigward il-konvenut naqas milli jispecifika mill-liema kont naqsu dawn ic-"circa Lm4,000". Il-Qorti, ezaminat il-kontijiet tal-partijiet mal-APS Bank esebiti, u minn imkien ma jirrizultalha, sa fejn setghet tikkonstata, li l-attrici gibdet somom sostanzjali ta' flus. Minn naha taghha l-attrici tammetti biss, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, li hija kienet kostretta li tigbdet "xi haga" mill-kontijiet bankarji tal-kontendenti biex tghix bihom fiz-zmien li l-konvenut ma kienx jghaddilha manteniment la ghaliha u lanqas ghal minuri. Ghaldaqstant anke din l-allegazzjoni tal-konvenut ma tinsabx sostnuta bi provi adegwati.

In fine, fuq din il-materja, il-Qorti tosserva li mhux il-kompitu taghha li tezamina dokumenti biex tipprova tidentifka prova ta' fatt allegat mill-parti; imma hija l-istess parti li qed tallega li ghandha tindika kif id-dokumenti esebiti minnha jikkorroboraw dak li hi qeda tallega.

---

[8] Fol.192
[9] Fol.61

Illi, fid-dawl tal-premess, il-Qorti, rigward il-kontijiet bankarji, tordna li: [1] dawk li jinsabu f' isem iz-zewg partijiet, il-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; u [2] dawk f' isem il-partijiet separatament, ghandhom jibqghu tal-parti li fuqha hu ntestat il-kont.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens kif ser jinghad: billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lit-tnejn;

[2] tichad l-ewwel parti tat-tieni talba, izda tilqaghha ghall-kumplament u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment ghal binhom minuri kif fuq indikat fis-sezzjoni "Manteniment";

[3] tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta l-akkwisti b' effett millum, tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-assi kif fuq indikat fis-sezzjoni "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[4] tilqa' r-raba talba fis-sens li tapplika fil-konfront <u>taz-zewg partijiet</u> id-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16;

[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tordna li l-kura u kustodja tal-minuri D tkun konguntа bejn il-partijiet, u l-missier ikollu access ghal ibnu kif fuq indikat fis-sezzjoni "Kura u Kustodja"

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------